31997L0045

24.7.1997 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 196/77

# IL-21 DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 97/45/KE

## ta' l-14 ta' Lulju 1997

## li tadatta għal progress tekniku l-Annessi II, III, VI u VII tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/1/KE ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Wara li kkunsultat mal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Kosmetoloġija,

Billi l-informazzjoni xjentifika disponibbli tindika li l-livell ta' l-idrokarburi poliaromatiċi (PAHijiet) fil-qatran tal-faħam maħdum hu fl-istess ambitu tal-livell ta' PAH fil-qatran tal-faħam mhux maħdum; filwaqt li bosta studji juru li PAH jidħlu fil-ġilda esposta għall-qatran tal-faħam, li jistgħu jwasslu għal karċinoġenesi dermali u sistemika; filwaqt li bosta PAH huma karċinoġenesi ġenotossiċi, u konsegwentement ma jista' jiġi stabbilit ebda livell ta' bla perikolu, l-użu tal-qatran tal-faħam maħdum u mhux maħdum fi prodotti kosmetiċi għandu jiġi pprojbit;

Billi valutazzjoni tossikoloġika oħra, ibbażata fuq informazzjoni ġdida mogħtija mill-industrija, ta' *benzethonium chloride*, turi li jinkiseb marġini ta' sigurtà aċċettabbli sakemm l-użu tiegħu jiġi limitat għal preservattivi, f'konċentrazzjoni limitata u għal ħin ridott ta' kuntatt mal-ġilda;

Billi, fuq il-bażi ta' l-aħħar riċerka xjentifika u teknika, jista' jintuża l-octyl methoxycinnamate bħala filtru ta' l-UV fi prodotti kosmetiċi;

Billi l-miżuri previsti f' din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Adattazzjoni għal Progress Tekniku tad-Direttiva dwar it-tneħħija ta' l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ fis-settur tal-prodotti kosmetiċi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

Id-Direttiva 76/768/KEE qiegħda b'hekk tiġi emendata kif jidher fl-Anness:

*L-Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li mill-1 ta' Lulju 1998 għas-sustanzi preskritti fl-Anness, la l-fabbrikanti u lanqas l-importaturi stabbiliti fil-Komunità ma għandhom iqiegħdu fis-suq prodotti li ma jkunux jikkonformaw mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 li jkun fihom sustanzi preskritti fl-Anness ma jinbigħux jew b'xi mod ieħor ma jiġux ipprovduti lill-konsumaturi finali wara t-30 ta' Ġunju 1999.

*L-Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1998. Dawn għandhom bla dewmien jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-waqt tal-pubblikazzjonijiet uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*L-Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*L-Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-14 ta' Lulju 1997.

*Għall-Kummissjoni*

Martin BANGEMANN

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 169.
([2]) ĠU L 16, tat-18.1.1997, p. 85.

*L-ANNESS*

L-Annessi tad-Direttiva 76/768/KEE qed jiġu emendati kif ġej:

1. Fl-Anness II:

   In-numru ta' referenza 420 li ġej qed jiġi miżjud:

   "420. Il-qatran tal-faħam mhux maħdum u maħdum"

   In-numru ta' referenza 415 li ġej qed jitħassar:

   "415. Id-diisobutyl-phenoxy-ethoxy-ethyldimethylbenzylammonium chloride (benzethonium chloride)"

2. Fl-Anness VI:

   (a) L-Ewwel Parti

   In-numru ta' referenza li ġej qed jiġi miżjud:

| a | b | ċ | d | e |
|---|---|---|---|---|
| "53 | Benzethonium chloride | 0,1 % | Prodotti tat-tlaħliħ biss" | |

   (b) It-Tieni Parti:

   "tat-30.6.1997" qed jinbidel bi "tat-30.6.1998" għan-numri ta' referenza 16, 21, 29.

3. Fl-Anness VII:

   (a) L-Ewwel Parti:

   In-numru ta' referenza li ġej qed jiżdied:

| a | b | ċ | d | e |
|---|---|---|---|---|
| "12 | Octyl methoxycinnamate | 10 %" | | |

   (b) It-Tieni Parti:

   — In-numru ta' referenza 13 qed jitħassar.

   — "tat-30.6.1997" qed jinbidel bi "tat-30.6.1998" għan-numri ta' referenza 2, 5, 6, 12, 17, 25, 26, 29 u 32.